MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1016/2003

**Carmel Bonavia**

**Vs**

**Gordon Borda**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-attur talab il-hlas ta’ tlett mija u tnejn u disghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm392.84c) rapprezentanti danni f’incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta’ dan l-incident.

Ra li din il-kawza kienet miexja mal-kawza Talba Numru 1479/04PM dwar l-istess incident.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza Talba Numru 1479/04PM fl-ismijiet Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Borda u l-istess Joseph Borda Vs Carmel Bonavia deciza llum stess fejn l-istess Tribunal iddikjara li Bonavia kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, laqa' t-talba attrici w ordna lil Carmel Bonavia sabiex ihallas is-somma ta' elf mija u hames liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1,105.23c) lill-atturi.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad it-talba ta' l-attur. Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------